MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 808/2010

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**Vs**
**Francis Chetcuti (K.I. 755143M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' mitejn, hamsa u sebghin ewro u erbgha' u tlettin centezmu (€275.34) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici in rigward ta' servizzi rezi lilu mis-socjeta' attrici skont diversi kontijiet mibghuta lilu fuq kuntratt bin-numru 25115 u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u 2009.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru, 2009 dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat konteswalment sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax ir-risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu  fl-20 ta’ Ottubru, 2010 mill-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal u ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba bl-ispejjez bl-interessi mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------